

Brussell, 15 ta' Settembru 2017
(OR. en)

12143/17

API 108
INF 154
JUR 422

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	12007/17, 11563/17
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-politika tal-Kunsill dwar data miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kunsill - Adozzjoni

1. Il-Portal tad-Data Miftuħa Ewropew ġie stabbilit mill-Kummissjoni Ewropea f'April 2013. L-għan tiegħu hu li jservi ta' punt uniku ta' aċċess għal data mill-istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE.
2. Sal-lum, il-Kunsill ipparteċipa fil-Portal tal-UE permezz ta' proġetti pilota. Filwaqt li dawn l-inizjattivi kienu ta' suċċess, issa huwa meħtieġ li tiġi żviluppata politika dwar data miftuħa għas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.
3. Għal dan il-għan, fit-8 ta' Mejju 2017 is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ippreżenta abbozz ta' test (8627/17), li ġie diskuss u approvat mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Infurmazzjoni.
4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-politika tal-Kunsill dwar data miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument 11563/17, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.